MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Lulju, 2012

Numru. 7/2009

**Il-Pulizija**
**(SpetturFrank Anthony Tabone)**

**vs**

**Anthony Camilleri ta' 54 sena iben John u Mary nee' Cini, imwieled in-Nadur (Ghawdex ) Malta, nhar is-06 ta' Dicembru 1957, resdienti fil-fond Nru. 10B, Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex,, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 67357(G)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Anthony Camilleri akkuzat talli nhar it-8 ta' Frar 2009 u fix-xhur ta' qabel gewwa in-Nadur u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zmenijiet

differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. ghamel uzu minn falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi, f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' numru ta' registrazzjoni falz ta' vettura jaqra FBC978;
2. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubbliku, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi pproduca numru ta' registrazzjoni falz ta' vettura jaqra FBC978;
3. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi pproduca numru ta' registrazzjoni falz ta' vettura jaqra FBC978;
4. u talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, bhala persuna illi f'ismu ghandu licenzja biex ikollu fil-pussess tieghu senter tal-marka Pedretti bin-numru 0202153, senter tal-marka Luigi Franchi bin-numru B09190 u senter tal-marka Mugica bin-numru 63038 naqas li jzomm dawn l-armi fil-kustodja tieghu b'tali mod li dawn l-armi setghu jigu f'idejn haddiehor;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi naqas milli zomm munizzjon fil-kustodja tieghu b'tali mod li dan il-munizzjon setgha jigi f'idejn haddiehor.
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu l-arma tal-marka Luigi Franchi bin-numru B09190 licenzjata biex tintuza ghal kacca kellu aktar minn zewg skratac fl-istess hin fil-magazine tal-imsemmija arma (Luigi Franchi B09190).
7. U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Semghet il-provi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-18 ta' Marzu 2009 sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-investgazzjonijiet tal-pulizija in konnessjoni ma' dan il-kaz skattaw in segwitu ghal rapport anonimu maghmul lill-pulizija in konnessjoni ma' serqa li kienet sehhet minn gewwa razzett fl-inhawi maghrufa bhala Ta' Bordin limiti tan-Nadur, proprjeta ta' certu Michael Curmi. F'dana r-rapport l-imputat kien gie implikat bhala wiehed mill-persuni nvoluti f'dina s-serqa u ghalhekk il-pulizija affettwaw tfittxija kemm fir-residenza tieghu kif ukoll f'mahzen jew garaxxijiet illi huwa kellu gewwa ghelieqi fiz-zona maghrufa bhala Ta' Xhajma, gewwa Triq Rabat, in-Nadur. It-tfittxija fir-residenza tieghu irrizultat fin-negattiv, izda minn gewwa dawn il-garaxxijiet gew elevati diversi oggetti fosthom tlett isnieter wahda tal-ghamla Pedretti, l-ohra Luigi Franchi, li kien fih erba' skratac fil-magazine tieghu u arma tan-nar ohra Mugica. Ma' dawn gew elevati ammont kbir ta skratac fl-ammont ta' sitt mija u dsatax[1]. Illi dawn l-armi tan-nar u munizzjon instabu f'kamra jew mahzen li ma kienx imsakkar u kellu l-bieb imbexxaq. Il-pulizija sabu wkoll mutur Honda 70 li kellu *number plate* falz imwahhal mieghu bin-numru FBC978[2]. Dana in-numru jghajjat vettura ohra tal-ghamla Suzuki registrata fuq certu Christopher Muscat. Inoltre jidher illi l-imputat ma ghandux muturi registrati jew illicenzjati fuq ismu.[3]

Illi mix-xhieda tal-PS73 Josef Camilleri irrizulta illi l-imputat ghandu licenzja li tkopri tlett armi tan-nar wahda Pedretti,

[1] Ara Dokumenti MP3, MP4, MP5 u MP6
[2] Ara Dokument ES1 a fol.32.
[3] Ara xhieda ta' Saviour Farrugia a fol.17

ohra Luigi Franchi u finalment arma ohra tal-ghamla Mugica. L-imputat ghandu licenzja ghall-garr ta' arma tan-nar ghall-kacca tal-ghasafar u ghandu licenzja ohra ghaz-zamma tal-arma tan-nar ghal *target shooting* jew kacca. Dina l-licenzja thallset fl-ahhar f'Marzu tas-sena 2007 u ghalhekk kienet tkopri s-sena 2007/2008.[4]

Illi l-imputat jigi arrestat u interrogat u irrilaxxja stqarrija esebita in atti mill-prosekuzzjoni a fol. 26 u 27 tal-process.

Illi l-akkuzi ewlenija migjuba fil-konfront tal-imputat huma dawk tal-falsifikazzjoni u l-uzu tal-istess dokument jew att iffalsifikat. Illi fir-rigward ta' dana r-reat, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta' falz f'dokumenti pubblici u skritturi privati. Illi meta wiehed ihares lejn l-akkuzi jirrizulta illi l-imputat huwa akkuzat kemm bl-hekk imsejjah falz materjali kif ukoll bil-falz ideologiku. Illi certament dawna nghataw kollha bhala akkuzi alternattivi u dana peress illi kull disposizzjoni tal-ligi tikkontempla kuncett legali separat ta' modalita' kif jigi kommess il-falz. Madanakollu ghalkemm ma hemmx dubbju illi l-pjanca esebita hija wahda falza, kif jikkonferma Brian Farrugia, rapprezentant tat-Transport Malta fix-xhieda tieghu, madanakollu ma hemmx prova fl-atti illi kien l-imputat illi immanifattura dina l-pjanca ghalkemm jidher illi qed jaghmel uzu minnha.

Illi l-imputat jirrilaxxja stqarrija fid-09 ta' Frar 2009. Illi difensur tal-imputat jissolleva l-linja difensjonali in konnessjoni mal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fejn jikkontendi allura, illi l-Qorti ghandha tiskarta bhala prova l-istqarrija tal-imputat u dana billi l-istess stqarrija ittiehdet bi vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali tieghu ghal smigh xieraq u dana kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni taghna kif ukoll fl-artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Kwindi ghalkemm l-istess stqarrija ttiehdet skond il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, izda dina giet rilaxxjata minghajr ma l-imputat inghata dritt li jiehu parir legali qabel ma ghamel dan.

[4] Ara DokumentJC1 u JC2 a fols. 35 u 36

Illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija tal-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista’ tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b’theddid, jew b’biza’, jew b’weghdiet jew twebbil ta’ vantaggi (artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi madanakollu dina l-istqarrija ttiehdet minghajr ma l-imputat inghata l-opportunita li jikkonsulta ruhu ma’ avukat jew jiehu parir legali. Dana ghaliex il-ligi li tippermetti lill-persuna suspettata u li tkun qed tigi interrogata li jkollha access ghal parir legali kienet ghadha ma gietx fis-sehh. Kien biss permezz tal-Avviz Legali 35 tal-2010 illi d-disposizzjonijiet tal-artikoli 355AT u 355AU tal-Kapitolu 9 gew fis-sehh u dana mid-data tal-10 ta’ Frar 2010.

Illi dina l-linja difenzjonali tqajmet in segwitu ghad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawzi fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera, Il-Pulizija vs Mark Lombardi u Il-Pulizija vs Esron Pullicino[5].

Illi minn qari akkurat ta’ dawn id-decizjonijiet jirrizulta inkonfutabbilment illi d-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika wkoll ghal *pre-trial stage* u cioe’ ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Kwindi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assientenza legali ghandu jsib applikazzjoni anke fl-istadju tal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali tal-interrogazzjoni. Sabiex dana d-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji d-difiza taghha. Dana huwa vitali iktar u iktar fid-dawl tal-principju hawn fuq indikat illi fis-sistema

[5] Sentenzi decizi fil-11/04/2011 u 12/04/2011 rispettivament.

penali taghna l-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.

Dana kollu madanakollu ghandu jittiehed fid-dawl tal-proceduri kollha, fis-sens illi jekk dak mistqarr fl-istqarrija huwa issostanzjat minn provi ohra indipendenti, allura l-istqarrija tal-persuna akkuzata minghajr ma ttiehed il-parir legali ma hijiex wahedha ser twassal ghal kundanna taghha billi hemm provi ohra li jistghu jwasslu ghal sejbien ta' htija. Izda jekk l-uniku prova li ghandha l-prosekuzzjoni huwa dak mistqarr mill-akkuzat fl-istqarrija tieghu minghajr ma huwa kellu l-opportunita' li jikkonsulta ruhu ma' avukat u ghalhekk ihejji d-difiza tieghu billi ma jinkriminax ruhu fi stadju fejn huwa prezunt li ghadu innocenti, allura iva, dik il-konfessjoni migjuba bhala prova unika quddiem qorti tal-gustizzja kontra l-imputat hija leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u kwindi ghandha tigi skartata.

Illi kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali "Il-Pulizija vs Alvin Privitera":

*"Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghall-avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni. ...*

*Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimeddjabbilment pregudikat meta huwa jirrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*(sottolinjar tal-Qorti).

*Illi f'dan il-kaz l-unika prova li hemm kontra l-appellant hija l-istqarrija li hu irrilaxxja meta ma kienx assistit minn avukat u se tintuza ghall-conviction tieghu."*

Il-Qorti kompliet:

*"Ir-raguni tal-insistenza tal-Qorti Ewropeja dwar dan id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-investigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m'ghandu*

*jinkrimina ruhu kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-argument li altrimenti jkun difficli li l-pulizija tottjeni conviction mhux fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fit-thaddim ta' dan il-bilanc."*

Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju l-istqarrija tal-imputat giet rilaxxjata fiz-zmien meta l-ligi vigenti ma kenitx taghti dritt lil persuna interrogata li tikseb parir legali. Kwindi l-imputat inkrimina ruhu meta irrilaxxja l-konfessjoni tieghu minghajr ma kien konsapevoli tal-fatt illi b'dak li kien qed ighid huwa kien, kif ighid il-qawl malti, ser jitfa' l-gebla fuq saqajh. Kwindi fid-dawl ta' dak hawn fuq sottomess dina l-Qorti ma ghandhiex triq ohra hlief tiskarta dina l-prova billi jekk tasal sabiex tikkundanna lill-imputat abbazi ta' dina l-istqarrija tkun qed tivvjola dak sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u taghti dikjarazzjoni ta' htija illi hija anti-kostituzzjonali.

Ikkunsidrat:

Illi jifdal ghalhekk biex il-Qorti tqis il-provi cirkostanzjali, dokumentali u forensici migjuba fil-konfront tal-imputat. Ma hemmx dubbju u lanqas kontestazzjoni mid-difiza illi l-oggetti elevati u esebiti fl-atti ta' dina l-kawza nstabu fil-pussess tal-imputat. Illi fir-rigward tal-armi tan-nar dawn huma illicenzjati fuq isem l-imputat li naqas illi jzommhom fil-kustodja tieghu, izda minflok ghazel li jhallihom f'garaxx f'nofs l-eghlieqi fejn il-bieb lanqas biss kien imsakkar. Inoltre wahda mill-armi tan-nar instabet b'erba skratac fiha u ghalhekk certament bi ksur ta' dak dispost fl-Avviz Legali 79 tal-2006, kif sussegwentement emendat. Dana qed jinghad ghaliex dina l-arma tan-nar hija illicenzjata fuq isem l-imputat li ghandu wkoll licenzja tal-kacca. Flimkien ma' dawn l-armi tan-nar instab ukoll munizzjon li ma kienx kustodit sewwa.

Fir-rigward tal-pjanca falza bin-numru FBC798, ghalkemm kif diga nghad iktar 'il fuq ma hemmx prova fl-atti illi dina l-pjanca saret mill-imputat, madanakollu nstabet imwahhla

fuq mutur li kien fil-pussess tieghu u nstab fil-garaxxijiet u l-eghlieqi tieghu. Illi d-difiza tikkontendi illi l-akkuzi ma jistghux jirrizultaw billi ma hemmx prova fl-atti illi l-imputat saq dana l-mutur fit-triq. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma dina l-linja difensjonali. Ibda biex, l-imputat ma huwiex akkuzat b'dana r-reat, fit-tieni lok ma hemmx dubbju illi mutur li lanqas biss huwa rregistrat fuq isem l-imputat instab fil-pussess tieghu u f'ambjenti li hu ghandu kontroll fuqhom, bi pjanca imwahhla fuqu, pjanca li hija falza. Kif ben tajjeb sostna Brian Farrugia mit-Transport Malta, meta vettura jew mutur ma jkunux qed jintuzaw fit-triq, is-sid huwa obbligat jirritorna l-pjanci lill-Awtorita. Kwindi l-imputat ma jistax jinqeda b'dina l-iskuza sabiex jezimi ruhu mir-responsabbilta illi kellu mutur fil-pussess tieghu bi pjanca ta' registrazzjoni falza.

Illi finalment dwar l-akkuza tar-recidiva ghandu jinghad illi s-sentenza esebita a fol. 40 tal-process tirrisali ghat-18 ta' Ottubru 2002 u kwindi l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta certament ma japplikax f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, 47(1), 51(8), 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, 7(1)(k) u 27(3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 filwaqt illi tillibera lill-imputat mill-ewwel u t-tieni akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah ghal perijodu ta' sitt xhur prigunerija, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum. L-imputat qed jigi wkoll ikkundannat ghal hlas ta' multa ta' tlett mitt ewro €300.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Finalment il-Qorti qed tordna il-konfiska tad-Dokumenti MP3, MP4, MP5, MP6 u ES1.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------